TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/210/15/S

Albert Galea
Vs
Mekanika Limited

Illum 21 ta'Lulju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Albert Galea ipprezentata fl-20 t'Ottubru,2015 filwaqt li s-socjeta Mekanika Limited, ghalkemm debitatament notifikata, baqghet ma wegbitx bil-miktub hlief li tela' rapprezentant tal-istess socjeta u xehed fis-seduta tat-12 ta'Mejju,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lill-partijiet;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda sistema ta' 'airconditioning' li qatt ma hadmet sew skont ir-rikorrenti u fil-fatt is-sistema tnehhiet;

Illi jinghad mal-ewwel li r-rikorrenti rnexxielu jipprova dak minnu allegat hlief ghall-ammont mitlub ghall-'leave' ta' mart ir-rikorrenti u fil-fatt gie kontestat li dawn kienu jinvolvu granet shah;

Illi jidher bic-car li l-problema setghet facilment tigi risolta kieku s-socjeta intimata mal-ewwel tatha l-attenzjoni mehtiega;

Illi l-ammont tas-suffit ma giex kontestat daparti tas-socjeta intimata u lanqas iz-zmien li ghadda meta d-depozitu kien ghand is-socjeta intimata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* it-talba ta' Albert Galea u Jordna lis-socjeta Mekanika Limited thallas lil Albert Galea is-somma ta' €495, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta Mekanika Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070